MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Numru 982/2004

Il-Pulizija
(Spettur Alexander Grech)

vs

Khaled Mohammed Bara

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' Libjana numru 424951 akkuzat talli:

1. fil-25 ta' Novembru 2002 ghal habta ta' xi 2:00p.m. gewwa l-Qrati ta' Malta Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta ikkommetta harba semplici waqt li kien fil-kustodja tal-Pulizija, u dan bi ksur tal-Artiklu 151 tal-Kap 9;
2. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta'

regolamenti, ikkaguna hsara fuq vettura bin-numru DAE742 (GVP029) ghad-dannut tal-Gvern ta' Malta, u dan bi ksur tal-Artiklu 328 (*) tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-akkuzat fl-udjenza tal-lum jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi huma ta' harba semplici (Artikolu 151 tal-Kap 9) u hsara volontarja (Artikolu 328/d tal-Kap 9).

L-akkuzat ghal dawn l-akkuzi irregistra ammissjoni, liema ammissjoni hi wahda volontarja u inkondizjonata. Ir-reita' ghar-reati lilu addebitati apparti l-ammissjoni tirrizulta inekwivokabilment mix-xhieda imressqa mill-Prosekuzzjoni.

Rat l-Artikoli citati kompriz l-Artikolu 17 tal-Kap 9 u tiddeciedi li fic-cirkustanzi tillibera lill-akkuzat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal tlett snin mil-lum bil-kundizzjoni li hu ma jaghmilx reat iehor punibbli bi prigunerija f'dan il-perjodu.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzat ir-responsabiltajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------